# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' April 2002**

**Avviz. numru 600/97**

**Numru 28**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**John Pisani u Vladimir Pisani in solidum**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jhallsu s-somma ta' tlett mija u ghaxar Liri Maltin (Lm310) dovuta lilu wara li John Pisani rrizenja mill-kors ta' tahrig ghall-Infermiera Registrati (Generali) u dan bi ksur ta' kuntratt pubbliku.

Bl-ispejjes dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 1995 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 6 tal-atti) li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament it-talbiet ta' l-attur huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2149© tal-Kap 16.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hu dovut l-ebda somma mill-konvenuti.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-2 ta' Novembru 1999 in konnessjoni mal-eccezzjoni preliminari moghtija mill-konvenuti u kif hawn fuq citata (ara fol 25 sa fol 27 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad , minnufih, li dan il-kaz hu wiehed minn dawk li fih:

a) il-konvenuti eccepew "…. li ma hu dovut l-ebda somma mill-konvenuti" minghajr ma giet sottomessa ir-raguni jew ragunijiet ghal dan.

b) l-istess konvenuti ma gabu ebda prova a konjizzjoni taghha sabiex tigi sostanzjata l-istess eccezzjoni, avolja inghataw l-opportunita ghal dan il-ghan (ara fol 36, 37 u 38 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi l-attur, da parti tieghu, issottometta is-segwenti provi:-

a) Emanuel Caruana in rappresentanza tal-istess, waqt li rrefera ghall-att publiku in atti Nutar Franco Pellegrino esebit a fol 16 ibid, ikkonferma li l-konvenut John Pisani ghadu minorrenni kellu jaghmel kors ta' tahrig ghall-"Infermieri Registrati (Generali)", liema kors kien ghal perjodu ta' tlett (3) snin minn Lulju 1986. Skond l-istess att esebit, ix-xhud specifika li kien hemm diversi kondizzjonijiet imposti, fosthom il-hlas ta' penali f'kaz li l-istess John Pisani ma kompliex jattendi dan il-kors ghal perjodu ta' tlett snin hawn fuq imsemmi (ara fol 17 ibid paragrafu 3). F'dan il-kaz, John Pisani kien irrizenja mill-kors, fit-2 ta' April 1988 u b'hekk kien inkorra penali, skond l-istess att publiku, ammontanti ghal

Lm400, mill-liema ammont hu kien fadallu jhallas il-bilanc specifikat fl-avviz.

b) In rigward dan l-attur esebixxa zewg dokumenti (fol 33 u 34 tal-atti) minn fejn jidher li effettivament John Pisani kien ta' r-risenja tieghu, mill-kors imsemmi, b'effett mit-2 ta' April 1988.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, stante li l-konvenuti ma gabu ebda prova sabiex jiggustifika, skond il-ligi, l-imsemmija risenja, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti, "in solidum" bejniethom sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm310 bl-imghax legali mid-19 ta' Dicembru 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 1995.

Alan Calleja
Deputat Registratur